MALTA

# QORTI KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2003

Numru 102/2002

**Il-Pulizija – Spettur Neil Harrison**

**VS**

**SAMMUT Charlot**

Illum nhar il-Ħamis 3 (tlieta) ta' LULJU 2003 (elfejn u tlieta).

Il-QORTI,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat CHARLOT SAMMUT ta' 23 (tlieta u għoxrin) sena iben Joseph u Teresa neè Mifsud, imwieled Pietà fil-15 (ħmistax) ta' Jannar 1979 (elf, disa' mija, disgħa w sebgħin), residenti 'Pearl', Triq Fra Fred Mattei, Żebbuġ, u detentur ta' karta tal-identità numru 060179-(M), talli f'dawn il-Gżejjer fiż-17 (sbatax) ta' Frar 2002 (elfejn u tnejn) u matul l-aħħar 4 (erba') snin qabel dina d-data :

a) fornejt jew ipprokurajt jew offrejt li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza, dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i, jew għall-persuna/i, mingħarj ma' kellek liċenzja mill-President ta' Malta, u mingħajr ma' kont awtorizzat bir-regoli tal-1939, għall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N.292/1939), jew minn xi awtorità mogħtija mill-President ta' Malta, li tforni d-droga msemmija, mingħajr ma' kont fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-disspożizzjonijiet tas-6 taqsima tal-Ordinanza msemmija, u mingħarj ma' kellek licenzja jew xort'oħra awtorizzat li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u mingħarj ma' kellek liċenzja li tipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939, għall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N.292/1939), kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) ukoll talli kellek fil-pussess tiegħek d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal- ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, Kap. 101 tal-liġijiet ta' Malta, meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kontx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma kontx b' xi mod ieħor, bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollok fil-pussess tiegħek dina d-droga, u nqast li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilek għall-użu tiegħek skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N.292/1939) kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta;

c) kellek fil-pussess tiegħek ir-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* u dan bi ksur tal-Artiklu 8 (a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet wkoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna li tħallas l-ispejjeż li għandhom x' jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-QORTI :

1. Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat.

2. Semgħet ix-xhieda bil-Ġurament.

3. Rat l-Atti kollha tal-kawża.

4. Semgħet l-ammissjoni ta' l-imputat.

5. Għalhekk l-imputazzjonijiet ġew ippruvati skond il-Liġi.

6. Il-QORTI wara li rat l-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101, it-Taqsimiet 4 (erbgha) u 6 (sitta) tal-Kapitolu 101 (mija u wieħed) tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolament 8 (tmienja) tar-regolamenti ta' l-1939 (elf disa' mija u disgħa u tletin), dwar il-Kontroll intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939).

7. Il-QORTI qed issib ħati lill-imputat u tikkundannaħ għal 6 (sitt) xhur Ħabs (priġunerija) u sabiex iħallas **Multa ta' Lm200 (mitejn) Lira Maltija**, meta liema multa għandha titħallas sat 28 (tmienja u għoxrin) ta' Frar 2004 (elfejn w erbgħa).

8. Il-QORTI : tirrakkomanda li-Direttur tal-Faċilta Korrettiva ta' Kordin li jikkunsidra formalment illi l-imputat isegwi programm fi ħdan l-agenzija OASI.

9. Il-QORTI spjegat lill-imputat bi kliem ċar xi jfisser dan kollu, u li jrid ikompli jsegwi l-*'Probation Order'* ta' qabel.

**MAĠISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------